

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – Rubycon u Rubycon Holdings vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-344/18) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-kapaċitaturi elettrolitiċi tal-aluminju u tat-tantalju – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Koordinazzjoni tal-prezzijiet fiż-ŻEE kollha – Multi – Immunità parzjali minn multa – Paragrafu 26 tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006 – Tnaqqis tal-ammont tal-multi – Paragrafu 37 tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 – Limitu massimu ta’ 10 % tad-dħul mill-bejgħ – Ġurisdizzjoni sħiħa”)

(2021/C 471/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Rubycon Corp. (Ina, il-Ġappun), Rubycon Holdings Co. Ltd (Ina) (rappreżentanti: J. Rivas Andrés u A. Federle, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Ernst, L. Wildpanner u F. van Schaik, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 1768 final tal-21 ta' Marzu 2018 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.40136 – Kapasiters), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuqhom.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Rubycon Corp. u Rubycon Holdings Co. Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 294, 20.8.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – Nippon Chemi-Con Corporation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-363/18) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-kapaċitaturi elettrolitiċi tal-aluminju u tat-tantalju – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Koordinazzjoni tal-prezzijiet fiż-ŻEE kollha – Prattika miftiehma – Skambji ta’ informazzjoni kummerċjali sensittiva – Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni – Drittijiet tad-difiża u dritt għal smiġħ – Intangibilità tal-att – Ksur uniku u kontinwu – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 – Valur tal-bejgħ – Obbligu ta’ motivazzjoni – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Gravità tal-ksur – Ċirkustanzi attenwanti – Paragrafu 37 tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 – Ġurisdizzjoni sħiħa”)

(2021/C 471/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nippon Chemi-Con Corporation (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentanti: H.-J. Niemeyer, M. Röhrig, I.-L. Stoicescu u P. Neideck, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Cleenewerck de Crayencour, B. Ernst, T. Franchoo, C. Sjödin u L. Wildpanner, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 1768 final tal-21 ta' Marzu 2018 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.40136 – Kapasiters), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, għall-annullament tal-multa imposta fuqha permezz tal-imsemmija deċiżjoni jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nippon Chemi-Con Corporation għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 294, 20.8.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – TUIfly vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-447/18) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat – Ftehimiet konklużi bejn Kärntner Flughafen Betriebsgesellschaft u l-kumpanniji tal-ajru Hapag Lloyd Express u TUIfly – Servizzi ajruportwali – Servizzi ta’ kummerċjalizzazzjoni – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħhom – Vantaġġ – Kriterju ta’ investitur privat – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Dritt ta’ aċċess għall-fajl – Dritt għal smiġh”)

(2021/C 471/51)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: TUIfly GmbH (Langenhagen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Giesberts u M. Gayger, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, A. Bouchagiar u S. Noë, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/628 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.24221(2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Awstrija għall-ajruport ta' Klagenfurt, għal Ryanair u linji tal-ajru oħrajn li jużaw l-ajruport (ĠU 2018, L 107, p. 1), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TUIfly GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 27.8.2018.